# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 27**

**Rikors numru 424/12/1 JVC**

**Malta Dental Technologists Association rappreżentata minn John Salomone Reynaud u l-istess John Salomone Reynaud f'ismu proprju**

**v.**

**Superintendent tas-Saħħa Pubblika u Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina**

1. L-atturi ppreżentaw din il-kawża sabiex l-Istat jiġi mġiegħel jagħraf lit-Teknoloġisti Dentali Kliniċi, magħrufa wkoll bħala Denturists, sabiex l-istess jitħallew jaraw pazjenti b'mod dirett u mingħajr il-ħtieġa ta' dentist bħala intermedjarju. Skont l-atturi l-Istat qiegħed jirrifjuta li jagħmel dan mingħajr raġuni valida bi ħsara għalihom. L-atturi jilmentaw li r-rifjut tal-

Istat li jirrikonoxxi l-professjoni ta' Teknoloġisti Dentali Kliniċi tmur kontra l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u dan billi Teknoloġisti Dentali Kliniċi li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea jgawdu minn dritt ta' stabbiliment fi stati membri oħra, u dritt ta' libertà ta' moviment tas-servizzi, liema drittijiet qed jiġu mxekkla minħabba li hawn Malta ma jistgħux jaħdmu jekk mhux tramite dentist bħala intermedjarju, mingħajr aċċess dirett għall-pazjenti. Jilmentaw ukoll li l-kors ta' Teknoloġija Dentali fl-Università ta' Malta qiegħed jiġi żvalutat billi qiegħed jitnaqqas it-tul tiegħu.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "(1) tordna lill-intimati sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega sabiex Clinical Dental Technologists maghrufa wkoll bhala Denturists jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta;
>
> (2) tordna lill-intimati sabiex jipprocedu bir-registrazzjoni ta' Clinical Dental Technologists minn Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropeja li japplikaw lokalment sabiex ikunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta;
>
> (3)tordna illi dawk il-"Clinical Dental Technologists" li jezercitaw il-professjoni f'Malta u li huma wkoll membri tal-International Federation of Denturists ikunu awtomatikament eligibbli ghal registrazzjoni mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta;
>
> (4) tiddikjara illi Clinical Dental Technologists mhumiex necessarjament obbligati li jipprovdu s-servizzi taghhom biss wara li kaz jigi riferit lilhom minn dentist.
>
> (5)tiddikjara illi l-unit course fl-Universita' m' ghandux jitnaqqas minn erbgha (4) snin ghal tliet (3) snin hlief b' sentenza tal-Qorti.
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni."

3. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika eċċepiet, *inter alia,* li mhijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet attriċi in kwantu dawn jeħtieġu bidla fil-liġi viġenti, li mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-ħames talba attriċi in kwantu mhijiex responsabbli għat-tfassil tal-kontenut tal-korsijiet offruti mill-Università ta' Malta, li hija dejjem aġixxiet skont il-liġi viġenti, u li m'hemm l-ebda liġi li tobbligaha li tagħmel dak li qed jintalab li tiġi ordnata tagħmel permezz tat-talbiet attriċi.

4. Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina eċċepixxa, *inter alia,* li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni peress li t-talbiet attriċi effettivament jeħtieġu bidla fil-liġi u dan ma jaqax fil-kompetenza tiegħu u għaliex mhuwiex kompetenti li jieħu deċiżjonijiet ta' natura finali dwar tibdiliet f'xi kors universitarju, li huwa dejjem segwa l-provvedimenti tal-liġi li jirregolaw l-għarfien tal-professjonijiet kumplimentari għall-mediċina, li l-professjoni ta' Clinical Dental Technologist mhijiex inkluża ma' dawk il-professjonijiet regolati mill-Kodiċi tal-Etika relevanti u preżentement viġenti, li fir-raba' talba attriċi l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti biex tmur kontra dak stipulat fil-kodiċi li jirregola l-prinċipji tal-etika u tal-prattika tal-professjoni ta' Dental Technologists u li ma jistax isir tibdil f'dan il-kodiċi mingħajr ma jiġi sanzjonat mill-Awtorità.

5. Permezz ta' sentenza datata 12 ta' Jannar 2016 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'din il-kawża:

> "Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimati li mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza limitatament ghall-hames (5) talba attrici u b'hekk tilliberahom mill-osservanza tal-istess, tichad l-istess eccezzjoni minnhom sollevati fir-rigward tat-talbiet l-ohra.
>
> Tordna l-prosegwiment tal-kawza."

6. Fit-23 ta' Frar 2016 l-Ewwel Qorti laqgħet talba magħmula lilha mill-atturi sabiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, liema referenza ġiet deċiża mill-istess Qorti b'dan il-mod fil-21 ta' Settembru 2017:

> "63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 4(1) kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' TDK li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru."

7. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Mejju 2022 ġie deċiż hekk:

> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tghaddi sabiex tilqa' r-risposti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

> In vista tal-komplessita` tal-materja in kwistjoni li wasslet sabiex anki kellha ssir referenza lill-Qorti ta' Gustizzja Ewropea, l-Qorti tqis li l-ispejjez li ghadhom mhux decizi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

8. L-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-30 ta' Ġunju 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex (i) tvarja d-digriet tal-1 ta' April 2019 billi tħassar dik il-parti fejn ċerti dokumenti ġew ritenuti inammissibbli u għalhekk tiddikjara d-dokumenti kollha ammissibbli bħala prova skont il-liġi; u (ii) tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet it-talbiet kollha attriċi, u minflok tilqa' l-istess talbiet bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom, inkluż l-ispejjeż tar-referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

9. Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina ppreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-2 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma d-digriet tal-1 ta' April 2019 u s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

10. Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika preżentat ir-risposta tagħha fid-9 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi *in toto* u tikkonferma kemm id-digriet u kemm is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Appell mid-Digriet tal-1 ta' April 2019**

11. L-appellanti jilmentaw li mill-kwadru tal-fatti esposti minnhom jirriżulta kemm huma validi u neċessarji għall-kawża d-dokumenti li ġew preżentati minnhom iżda li ġie ordnat l-isfilz tagħhom permezz tad-digriet appellat. Jargumentaw li kien hemm skop wara kull dokument li ġie ppreżentat għaliex id-dokumenti individwalment u kollettivament juru l-ħakma li għandu l-*lobby* tad-dentisti kif ukoll kemm hi meqjusa utli u kemm hija rispettata l-professjoni tad-Denturists f'ċerti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u anke f'pajjiżi barra mill-Unjoni. Isostnu li l-Patient Consent Form hija prova importantissima għaliex turi bi kliem id-dentisti stess li x-xogħol li jagħmlu t-teknoloġisti dentali ma jistax jitqies perikoluż u anzi d-dentisti stess qed iserrħu moħħ il-pazjent li l-*prosthesis* tista' tiġi aġġustata jew sostitwita.

12. Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina jwieġeb li l-validità tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fid-digriet appellat baqgħet tissussisti tul il-proċedura kollha u għalhekk id-dokumentazzjoni li ġiet meqjusa bħala rrelevanti mill-Ewwel Qorti għandha tibqa' titqies bħala ugwalment irrelevanti f'din l-istanza wkoll.

13. Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika twieġeb li l-Ewwel Qorti daħlet f'ċertu dettall fl-eżami tagħha dwar id-dokumenti in kwistjoni tant li kkonsidrat ir-relevanza tad-dokumenti wieħed wieħed. Targumenta li l-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tad-diskrezzjoni tagħha meta ordnat l-isfilz tad-dokumenti mmarkati MDTA1, MDTA2 u MDTA3 peress li dawn id-dokumenti kienu *downloads* minn *website* u mhux kopji awtentikati mill-ġurnal awtorevoli nnifsu, filwaqt li l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib. Fir-rigward tal-bqija tad-dokumenti targumenta li min-natura ta' dawn id-dokumenti jidher ampjament ċar li dawn id-dokumenti huma assolutament irrelevanti għall-każ odjern u dan joħroġ partikolarment ċar mill-fatt li t-talba għall-isfilz kienet tinkludi ferm aktar dokumenti iżda l-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa kull dokumenti u ċaħdet it-talba għall-isfilz fejn sabet li kien hemm possibbiltà, anke jekk remota, li d-dokument jista' jkun relevanti għall-każ. Skont is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika dan juri li d-dokumenti li ġew sfilzati verament ma kinux l-aqwa prova, u għalhekk il-ġudizzju tal-Ewwel Qorti m'għandux jiġi disturbat.

14. Id-digriet appellat jaqra hekk:

> "Dan hu digriet fuq rikors tas-Superintendent tas-Sahha Pubblika ipprezentat fis-6 ta' Frar 2018, li permezz tal-istess qed jitlob l-isfilz ta' diversi dokumenti esebiti mir-rikorrent abbazi ta' nuqqas ta' rilevanza, ai termini tal-artikolu 558 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimat, ossia r-rikorrent fil-kawza, oppona ghat-talba u kkontenda li s-Superintendent tas-Sahha Pubblika qed jittenta ixejjen il-principju tal-*equality of arms.*

Il-partijiet ittrattaw ir-rikors li jirreferi ghal diversi dokumenti li huma esebiti b'nota tar-rikorrent tat-18 ta' Dicembru 2017 (a fol 445 sa 511 tal-process).

Illi jirrizulta mir-rikors li l-intimat qed jopponi ghall-esebizzjoni tad-dokumenti elenkati fir-rikors stante li mhumiex rilevanti u ghal uhud minnhom, mhumiex awtentikati u ghandhom jigu skartati billi jikkonsistu f'rapporti li l-provenjenza u l-veracita' taghhom ma jistghux jigu accertati.

Illi skont l-**artikolu 558 tal-Kap 12,** kull prova li tingieb quddiem il-Qorti ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni bejn il-partijiet. Inoltre, skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 559 tal-Kap. 12**, il-Qorti ghandha tordna illi tingieb quddiema l-ahjar prova (ara f'dan is-sens **"Emilio Agius et vs Carmen Bonello"** (A.C. – 26 ta' Gunju 2009). Mhux biss imma l-legislatur iddispona li l-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.

Mhuwiex mehtieg li kull dokument jigi awtentikat billi, skont **l-artikolu 627,** id-dokumenti hemm elenkati huma prova tal-kontenut taghhom, salv prova kontrarja. Din il-lista hija tassattiva u ma tistax tigi estiza. Similment **l-artikolu 629** jelenka dawk id-dokumenti li, salv li jigu awtentikati, huma prova tal-kontenut taghhom.

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, l-Qorti kkonsidrat li d-dokumenti MTDA-1, MTDA-2 u MTDA-3 ma jissoddisfawx ir-rekwiziti tal-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn huma fotokopji ta' artikoli ossia rapporti dwar avvenimenti li allegatament sehhew. Huwa minnu li wiehed minn dawn isemmi l-*Lancet* (Dok MTDA-2). Madanakollu jidher car li dan huwa *download* minn sit *eureka.alert.org* u mhux kopja tar-rapport awtentikati minn dan il-gurnal mediku prestiguz. Inoltre, din il-Qorti mhix certament f'posizzjoni li tivvaluta artikolu wiehed, mehud 'il barra mill-kuntest tieghu, minghajr opinjoni ta' espert mediku.

Kwindi ser tordna l-isfilz tad-Dokumenti MTDA-1, 2 u 3 ai termini tal-**artikolu 559 tal-Kap 12.** M'ghandhiex ghalfejn, ghalhekk, tidhol fil-kwistjoni ta' rilevanza.

Ghal dak li jirrigwarda d-dokument MDTA-4, li jikkonsisti fid-*dental consent form.* Hawnhekk il-Qorti taqbel li*,* billi l-kwistjoni mertu tal-kawza tikkonsisti essenzjalment fir-rikonoxximent ta' Dental Technologists jew *denturists*, filwaqt li l-formola esebita hija l-*consent form* mehtieg ghat-trattament minn dentist, din il-formola mhix rilevanti ghall-kawza u ser tigi sfilzata.

Ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti MDTA-5 u MDTA -16, MDTA 5 huwa l-Att dwar il-Kontroll tat-Tattoo filwaqt li l-MDTA 16 huwa l-lista ta ' tattoo studios licenzjati. Din il-materja manifestament tesorbita mill-parametri ta' din il-kawza u ghalhekk ser jigu sfilzati.

Dok MDTA-8 u MDTA-15 jikkonsistu rispettivament f'fotokopja ta' informazzjoni dwar *food poisoning* mehud minn sit allegatament tad-Dipartiment tas-Sahha tal-Gvern Awstraljan , u f'artikolu mehud mit-*Times of Malta* intitolat *Five Keys to Food Safety.*

Ghal darb'ohra, aparti li l-kontenut ma jistax jigi awtentikat, tqis li din il-materja mhix rilevanti ghall-kawza u ser jigu sfilzati.

Dok MDTA-7 u Dok MDTA-9 jirrigwardaw rispettivament Ftehim bejn il-Gvern, minn-naha, u l-GWU u l-UHM dwar *Allied Health Professionals within the Public Service,* u Cirkolari dwar *Post of Advanced Allied Health Practitioner* fil-Ministeru tas-Sahha u tal-Anzjani.

Ir-rikorrent fil-kawza ssottometta li bl-ewwel dokument il-Gvern qed jirrikonoxxi l-Professional Lead Allied Health Practitioners li huma parti minn dental team bhala *practitioners* rikonoxxuti.

F'dan l-istadju jistghu ikunu rilevanti ghall-kaz u din il-Qorti mhix ser tordna l-isfilz taghhom.

Dok MDTA-10, MDTA-11, MDTA-12, MDTA-13 u MDTA-14. L-intimat Superintendent joggezzjona billi dawn huma ittri u *emails* minn persuni li huma kompletament estranei ghall-kawza. Il-qorti ezaminat dawn id-dokumenti li huma kopji , mhux awtentikati, ta' ittri allegatament mibghuta mill-President tal-International Federation of Denturists lid-Direttur Ezekuttiv tal-FDI World Dental Federation. Inoltre jinkludu wkoll ittri lill-Dr Roberta Metsola. Dawn l-emails u ittri jikkoncernaw il-professjonisti rapprezentati mir-rikorrent fil-kawza. L-intimat mhuwiex qed joggezzjona ghalihom abbazi tal-artikolu 559 imma qed jikkontesta r-rilevanza taghhom.

Din il-Qorti ma taqbilx li dawn id-dokumenti ghandhom jitqiesu irrilevanti. Apparti l-kwistjoni tal-veracita' tal-kontenut li tigi valutata mal-provi kollha, l-imsemmija korrispondenza tikkoncerna l-professjoni rapprezentata mir-rikorrent. Ghalhekk f'dan l-istadju tqies li huma rilevanti.

Dok MDTA-17 u MDTA-18 jirrigwardaw rispettivament fotokopji ta' ittri mibghuta lid-Denturist Association of Canada fl-okkazjoni tal-45 anniversarju tat-twaqqif taghhom. Id-difensur tar-rikorrent issottometta li dawn id-dokumenti huma importanti ghaliex il-Professur Nikolai Attard kien ghamel zmien jispecjalizza l-Canada u kellu tabilfors jirrikonoxxi l-ezistenza tad-*Denturist Association* hemmhekk.

> Madanakollu dawn l-ittri wahidhom jixhdu biss dwar l-ezistenza ta' assocjazzjoni tad-denturisti. Dan kollu f'pajjiz estraneu ghal Malta u konsegwentement tqies li dawn id-dokumenti mhumiex rilevanti ghall-kaz billi ma jixhtu l-ebda dawl fuq il-kaz in kwistjoni u ghalhekk ser jigu sfilzati.
>
> Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet tas-Superintendent tas-Sahha fis-sens li tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha mitluba esebiti man-nota tat-18 ta' Dicembru 2017 a fol 445 *et seq* tal-process ghajr ghad-dokumenti MDTA- 7 (fol 473 - 474) u MDTA - 9 (fol 493-495), MDTA-10,MDTA-11, MDTA-12, MDTA-13 u MDTA-14 a fol 496 sa 501 tal-process. Id-Dok MDTA 6 a fol 458 sa 472 wkoll jibqa' fil-process."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Id-digriet appellat jirrigwarda ordni ta' sfilz ta' numru ta' dokumenti minn sett ikbar li kien ġie ppreżentat mill-atturi u li tagħhom kien intalab l-isfilz mill-konvenuti. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti.

16. L-ewwel nett, fir-rigward tad-dokumenti mmarkati MDTA 1, MDTA 2, u MDTA 3 l-appellanti naqsu milli jispjegaw għalfejn l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li ma dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti d-dokument MDTA 2 mhuwiex kopja awtentikata ta' artikolu mill-ġurnal awtorevoli *Lancet* iżda huwa biss artikolu li ġie ppubblikat fuq sit elettroniku bl-indirizz www.eurekalert.org li jidher li huwa dwar dak li allegatament inkiteb f'artikolu li ġie ppublikat fil-*Lancet*. Għalhekk din il-

Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-Ewwel Qorti li dan id-dokument ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar id-dokument MDTA 1 ftit li xejn hemm x'jingħad peress li dan huwa biss titolu ta' artikolu mingħajr indikazzjoni tal-awturi tiegħu u mingħajr l-ebda tip ta' kuntest dwar il-kontenut tiegħu, u li jidher li nkiteb fl-1952 meta x-xjenza, mediċina u teknoloġija kienu ferm 'il bogħod mill-istat aktar avvanzat li jinsabu fih illum. Dok MDTA 3 imbagħad huwa artikolu dwar allegati mwiet wara xi vaċċini kontaminati mingħajr indikazzjoni tal-awtur. Skont dan l-artikolu s-sors tal-informazzjoni kontenuta fih kienu xi ġurnali oħra, iżda kopja tal-istess ma ġietx preżentata mill-appellanti. Għalhekk anke dan id-dokument ma jistax jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Dwar il-formola ta' kunsens li tingħata lill-pazjenti minn dentisti l-appellanti jispjegaw li l-prova li jridu jagħmlu biha hija li x-xogħol ta' denturist mhuwiex perikoluż u li d-dentisti stess qed iserrħu moħħ il-pazjent f'dan id-dokument li dentatura tista' tinqala' jew tiġi aġġustata. Dwar l-argument li dentatura tista' tinqala' jew tiġi aġġustata l-Qorti tosserva li ma jidhirx li huwa kontestat mill-konvenuti li dan huwa l-każ u għalhekk effettivament dan id-dokument m'għandu l-ebda skop fl-atti f'dan ir-rigward. Fir-rigward tad-dokumenti li jikkonċernaw *tattooing* u ċioè l-Att dwar il-Kontroll tat-Tattoo u l-lista ta' *tattoo studios* liċenzjati, u l-artikoli dwar ir-riskji ta' *food poisoning* il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li

dawn mhuma bl-ebda mod relevanti għal dan il-każ peress li jitrattaw materja kompletament distinta minn dik li qed tiġi trattata f'dan il-każ. Fir-rigward imbagħad tad-dokumenti MDTA-17 u MDTA-18 il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dawn id-dokumenti mhumiex relevanti kkonsidrat li jirrigwardaw pajjiż kompletament estraneju għal Malta u għalhekk ma jista' jsir l-ebda paragun jew ekwiparazzjoni mas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż, partikolarment ikkonsidrat li dawn id-dokumenti ġew prodotti mingħajr kuntest dwar ir-regoli li jirregolaw id-*denturist,* is-servizz li effettivament huma awtorizzati li jipprovdu, u r-raġunijiet li wasslu lil dak l-Istat biex jirregolaw il-professjoni ta' *denturist* separatament.

18. Għaldaqstant il-Qorti tqis li d-digriet appellat huwa korrett kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għaldaqstant l-appell minnu qiegħed jiġi miċħud.

**L-Appell mis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2022**

19. L-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti billi tat importanza eċċessiva lix-xhieda prodotti mill-konvenuti anke fejn huma ressqu provi li jippruvaw il-kuntrarju, u li l-Ewwel Qorti aċċettat mingħajr riżervi, kumment jew stħarriġ ix-xhieda tal-Professur Charmaine Gauci, tal-Professur Nicolai Attard, Dr. Paula Vassallo u Maria Cristina Vassallo. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel eżami xieraq tad-dokumentazzjoni preżentata minnhom u ta'

ħafna punti li nġabu 'l quddiem minnhom. Jargumentaw li għalkemm il-Professur Gauci fix-xhieda tagħha allegat li kien ir-rettur tal-Università l-Professur Alfred Vella li kien ħareġ direttiva biex il-kors universitarju tat-Teknoloġisti Dentali jitnaqqas minn erba' snin għal tlett snin iżda mhux biss din l-allegazzjoni ma ġietx sostanzjata talli rriżulta li kien Dr. Nikolai Attard il-persuna wara l-iżvalutazzjoni u r-relegazzjoni tal-kors ta' Bachelor of Science (Hons) in Dental Technology. Isostnu li huwa biss dan il-kors mill-korsijiet universitarji kollha tal-Allied Health Care Professions li ġie mċekken, u li huwa skandaluż kif dan il-kors tneħħa mill-Fakultà tal-Health Sciences u minflok tqiegħed taħt il-Fakultà tad-Dentistrija mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni attriċi, u skont huma dan jikkostitwixxi żeblieh ta' waħda mill-professjonijiet elenkati fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumentaw li mhuwiex minnu li għola l-livell tal-kors universitarju għaliex ma jagħmilx sens li kors jogħla fil-livell meta jkun tnaqqas fit-tul tiegħu, u dan iwassal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li m'hemmx prova li d-dentisti Maltin qed iwaqqfu r-rikonoxximent tat-Tekniċi Dentali Kliniċi għal skopijiet egoistiċi tagħhom. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda riferiment għad-dokumentazzjoni prodotti fl-atti tal-każ u dan juri ċertu nuqqas fl-evalwazzjoni tal-fatti mill-Ewwel Qorti, u jżidu li d-dokumentazzjoni preżentata minnhom turi li d-dentisti għamlu kruċjata kontra d-Denturists u jekk l-Ewwel Qorti ma ratx dan żgur li ma eżaminatx sewwa d-dokumentazzjoni prodotta minnhom li turi li

saħansitra anke l-European Regional Organisation tal-FDI ħeġġet lid-dentisti sabiex ma jħallux lit-teknoloġisti dentali jimxu 'l quddiem fl-edukazzjoni u tistedinhom sabiex iqisuhom biss bħala sempliċi "*producers of medical devices for the dentist*" u xejn aktar minn hekk. Isostnu li għalhekk id-dokumentazzjoni prodotta minnhom turi li d-dentisti għamlu kruċjata kontra d-denturists mhux biss hawn Malta iżda anke permezz tal-għaqdiet reġjonali tad-dentisti.

20. Jargumentaw li mhuwiex minnu li hemm riskji għas-saħħa pubblika jekk huma jitħallew jaħdmu direttament ma' pazjenti għaliex fejn il-professjoni ta' denturist hija regolata dawn ikunu kwalifikati minn Universitajiet u Accredited Colleges u mħarrġa mill-fakultajiet ta' dentistrija u għalhekk ma joħolqux riskju għall-pubbliku aktar minn kwalsiasi professjoni tas-saħħa oħra u wkoll għaliex huma ma jesegwux proċeduri nvażivi peress li dawn isiru minn dentisti u apparti minn hekk kien hemm bosta dentisti li ttieħdu passi kontrihom u anke saru kawżi kontrihom u dawn għalhekk juru li jekk xejn hija d-dentistrija li ġġib magħha periklu għas-saħħa pubblika. Isostnu li l-fatt li f'daqstant pajjiżi id-dentisti u d-denturists jaħdmu spalla ma' spalla huwa prova biżżejjed li ż-żewġ professjonijiet jistgħu jeżistu flimkien.

21. L-appellanti jilmentaw ukoll li filwaqt li l-Ewwel Qorti kwotat estensivament mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-każ C-

125/16 hija skartat pronunzjamenti oħra importanti, b'mod partikolari s-sentenza mogħtija fil-kawża C-940/19, fejn skont l-Opinjoni ta' Advocate General Hogan l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36/EC ma jipprekludix Stat Membru milli jipprovdi għall-aċċess parzjali għall-waħda mill-professjonijiet li taqa' entro l-mekkaniżmu għar-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali skont dak provdut fit-tielet Kapitolu tat-Tielet Titolu tal-istess Direttiva. Jilmentaw li l-kwistjoni essenzjali li tħalliet kompletament barra mis-sentenza appellata hija l-awtoritajiet Maltin huma marbuta bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36/KE li tipprovdi sett ta' regoli u garanziji obbligatorji li huma mmirati biex jiżguraw illi l-professjonisti kwalifikati f'pajjiżi differenti tal-Unjoni Ewropea jkollhom aċċess li jipprovdu s-servizzi professjonali tagħhom f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea. Isostnu li għalhekk id-diskrezzjoni arbitrarja li l-awtoritajiet Maltin jippretendu li għandhom tispiċċa fejn jibdew l-artikoli relevanti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija, fejn għandu effett dirett id-dritt komunitarju u jidħlu wkoll il-kriterji ta' proporzjonalità, li huma kollha kwistjonijiet li ġew injorati mill-Ewwel Qorti. Jargumentaw li r-raġunijiet għar-rifjut għandhom ikunu oġġettivi, raġonevoli u proporzjonati meta wieħed qed jitkellem dwar drittijiet fondamentali rikonoxxuti fic-Charter of Fundamental Rights of the EU, u ċioè *freedom of establishment* u *freedom to provide services*, iżda dawn it-tliet elementi huma kollha neqsin f'dan il-każ.

22. Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina jwieġeb li kwalsiasi sottomissjonijiet magħmula mill-appellanti dwar il-kors universitarju tat-Teknoloġisti Dentali huma għal kollox superfluwi u għandhom jiġu skartati minn din il-Qorti ladarba l-appellanti ma ressqu l-ebda appell mis-sentenza preliminari tat-12 ta' Jannar 2016 fejn ġie deċiż li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradittturi fir-rigward tal-ħames talba attriċi dwar it-tul tal-kors universitarju msemmi. Jargumenta li minn qari tas-sentenza appellata huwa ċar li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti hija bbażata fuq eżami metikoluż u akkurat tal-atti kollha u mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti tat piż unikament lill-provi u x-xhieda prodotti mill-konvenuti u li ma teżisti l-ebda raġuni biex l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti jiġi ddisturbat. Isostni li l-fatt li mhux kull dokument issemma mill-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha ma jfissirx li ġew skartati minnha għaliex minn kliem l-Ewwel Qorti jirriżulta indubbjament li qieset il-provi mressqa mill-atturi u kkonkludiet li dawn ma setgħux iservu biex jikkonvinċuha li l-allegazzjonijiet magħmula minnhom għandhom mis-sewwa. Jargumentaw li mhuwiex minnu li Maria Cristina Vassallo żgwidat lill-Ewwel Qorti u li inoltre jirriżulta manifestament li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara evalwazzjoni tal-atti kollha u mhux biss abbażi ta' silta żgħira mix-xhieda ta' Maria Cristina Vassallo.

23. Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika twieġeb li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li ssemmi kull dokument u tikkummenta dwaru, u huwa evidenti li l-Ewwel Qorti rat l-atti kollha tal-kawża mhux biss ikkonsidrat li ddikjarat li għamlet dan iżda wkoll mill-konsiderazzjonijiet twal magħmula minnha. Iżidu li l-Ewwel Qorti tat ukoll il-piż dovut lill-*Preliminary Ruling* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, liema referenza kienet ġiet mitluba mill-atturi stess, u li sservi bħala gwida ċara u vinkolanti tar-regolamenti u l-liġijiet applikabbli u l-interpretazzjoni tagħhom. Dwar l-argument tal-appellanti li hemm numru ta' pajjiżi li jirrikonoxxu lit-tekniċi dentali kliniċi bħala professjoni awtonoma tgħid li dan l-argument iservi biss biex jikkonferma li skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea r-rikonoxximent tat-tekniċi dentali kliniċi bħala professjoni awtonoma hija diskrezzjoni assoluta tal-Istati Membri li mhumiex obbligati li jagħmlu dan. Targumenta li r-relazzjoni stretta bejn id-dentist u t-tekniku dentali hija maħsuba sabiex jitħarsu s-saħħa u l-kura xierqa tal-pazjent u dan peress li d-dentist għandu għarfien usa professjonali fis-saħħa orali u kif ukoll tal-kondizzjonijiet mediċi u l-ħtiġijiet individwali ta' kull pazjent. Dwar it-talba li tekniċi dentali kliniċi minn pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'Malta twieġeb li l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea nnotat li dawn mhumiex preklużi milli jeżerċitaw il-professjoni tagħhom hawn Malta, iżda li dan jistgħu jagħmluh strettament taħt il-kondizzjonijiet imposti mil-liġi Maltija, u ċioè li jridu jaħdmu ma' dentist, u li ġaladarba din il-professjoni mhijiex armonizzata

permezz tad-Direttiva 2005/36/KE ir-regoli mposti fuq l-eżerċizzju ta' din il-professjoni huma suġġetti għad-diskrezzjoni assolut tal-Istat Membru konċernat.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi dwar il-mertu li fadal, il-Qorti tinnota li ghalkemm fit-talbiet tar-rikorrenti hija ma gietx mitluba tiddikjara jekk il-professjoni ta' Tekniku Dentali taqax taht l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/EC, kwezit li tista' tghid huwa l-bazi tal-procedura odjerna, dan fil-fatt tqajjem fir-referenza li saret lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea. Dwar dan il-punt id-decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ma thalli l-ebda dubju fejn tiddikjara kif isegwi:
>
> > 'l-professjoni ta' tekniku dentali tikkostitwixxi, f'Malta, professjoni rregolata fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva.' (paragrafu 37).
>
> A bazi ta' dan ir-rikorrenti jsostnu li allura l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku ghandha wkoll tigi inkluza fil-ligi Maltija u specifikatament fit-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta) alrimenti dan in-nuqqas huwa bi ksur tad-Direttiva 2005/36/EC. Ir-rikorrenti jsostnu li la darba uhud mill-pajjizi tal-Unjoni Ewropea u anki pajjizi barra l-Unjoni jirrikonoxxu l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku, l-awtoritajiet Maltin ma' ghandhom l-ebda raguni valida sabiex jibqghu jinsistu sabiex ma jirrikonoxxux din il-professjoni. Ir-rikorrenti anzi ssostni li f'Malta r-resistenza sabiex din il-professjoni tigi rikonoxxuta gejja da parti tad-Dentisti li jridu jzommu l-kontroll taghhom fuq is-settur.
>
> Illi rrizulta lil din il-Qorti li d-differenza bazika bejn Tekniku Dentali (rikonoxxut fil-ligi Maltija) u Tekniku Dentali Kliniku (sal-lum mhux rikonoxxut fil-ligi Maltija) huwa li Tekniku Dentali ma jistax jara nies direttament hu izda xoghlu jsir b'kollaborazzjoni u fuq struzzjonijiet tad-Dentist. Min-naha l-ohra Tekniku Dentali Kliniku, fejn rikonoxxut, jista' jara l-pazjenti hu direttament minghajr il-bzonn tal-intervent tad-Dentist u jista' jipprovdi hu direttament dentiera shiha lill-pazjent minghajr ebda supervizjoni ta' Dentist. Mill-atti l-Qorti fehmet li l-iskop ahhari tal-Assocjazzjoni rikorrenti huwa li apparti li jigu rikonoxxuti t-Tekniki Dentali Kliniki barranin f'Malta, f'kaz li dawn jigu rikonoxxuti, din tiftah opportunitajiet ukoll ghad-Teknici Dentali Maltin li jkunu jistghu jipprogressaw fil-karriera taghhom billi jaspiraw li wkoll igibu l-kwalifiki ta' Tekniku Dentali Kliniku u jkunu jistghu jaghtu s-servizz taghhom separatament mid-Dentisti (ara partikolarment ix-xhieda ta' John Salomone Reynaud a fol. 678 tal-process).

L-intimati da parti taghhom isostnu li l-istess Direttiva tal-Unjoni Ewropea in kontestazzjoni flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdu eccezzjonijiet u jaghtu diskrezzjoni lill-Istat sabiex ma tigix applikata d-direttiva f'kaz li r-rikonoxximent ta' certu professjonijiet bhal f'dan il-kaz it-Tekniku Dentali Kliniku ma jkunx meqjus fl-ahjar interess tas-sahha pubblika.

Il-Qorti rat li l-Qorti ta' Gustizzja Ewropea fid-decizjoni taghha ghamlet ukoll referenza ampja dwar dan il-punt. Fil-fatt il-Qorti rat li quddiem dik il-Qorti tressqu bosta sottomissjonijiet kemm mill-Awtoritajiet Maltin kif ukoll diversi ohra minn Stati Membri fejn gew elenkati r-ragunijiet meqjusa ta' nteress ta' sahha pubblika li jiggustifikaw li l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku ma tigix rikonoxxuta.

Jirrizulta lil din il-Qorti li l-Qorti ta' Gustizzja Ewropea dderigiet li l-professjoni ta' tekniku dentali hija suggetta ghas-sistema generali ta' rikonoxximent ta' provi ta' kwalifika prevista fil-Kapitolu I, Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva. A bazi ta' dan idderigiet ukoll li sabiex wiehed jivverifika u jirrikonoxxi l-professjoni ghandu jara jekk il-kwalifiki ta' Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku humiex l-istess, f'liema kaz allura dan ghandu jigi rikonnoxxut mill-Istat Malti. Fil-fatt il-Qorti ta' Gustizzja Ewropea rrikonoxxiet, u dan irrizulta wkoll mill-atti, li l-Istat Malti mhux jopponi u jawtorizza li Tekniki Dentali Kliniki jigu rikonoxxut taht il-kappa ta' Tekniku Dentali, b'dan li sa dan il-punt iz-zewg professjonijiet qed jinghataw l-istess trattament u rikonoxximent mill-Istat Malti. Dan izda jfisser li Tekniku Dentali Kliniku izda f'Malta jista' biss jezercita' l-professjoni tieghu in kollobarazzjoni u taht is-superivizjoni ta' Dentist u ma jistax jaqdi pazjenti direttament hu, l-istess bhal Tekniku Dentali.

Fil-fatt jirrizulta li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea dahlet ukoll f'analizi tar-rekwizit li Tekniki Dentali f'Malta huma mehtiega li jezercitaw b'kollaborazzjoni ma' Dentist u mhumiex awtorizzati jahdmu f'kuntatt dirett mal-pazjenti minghajr mad-Dentist ikun intermedjarju bejniethom. Dik il-Qorti sostniet li jirrizulta li l-kundizzjonijiet tal-professjoni ta' Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku mhumiex armonizzati permezz tad-Direttiva 2005/36. Issostni ghalhekk li huwa l-Istat Membru ospitanti li ghandu jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' professjoni regolata fl-Istat izda b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Ta' rilevanza u importanza hija d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea li allura Tekniku Dentali Kliniku ma jistax jinvoka d-Direttiva 2005/35 sabiex joggezzjona ghar-rekwizit li Tekniku Dentali f'Malta neccessarjament irid jahdem b'kollaborazzjoni ma' Dentist u ma jistax jahdem direttament hu fuq il-pazjent. Izzid ukoll li l-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 ma huwiex applikabbli stante li r-rikorrenti mhux qed jitolbu fil-kawza odjerna li jigu rikonoxxuti parzjalment fil-professjoni ta' Tabib Dentist.

Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea tkompli billi ssostni li ghandu jigi stabilit li l-Istat Membru qed jagixxi in konformita'mat-Trattat tal-Fondazzjoni tal-Unjoni Ewropea (FUE), inkluz il-punt in kontestazzjoni f'dan ir-rikors, b'osservanza tal-libertajiet fundamentali ggarantiti fl-istess Trattat. Il-Qorti tal-Gustizzija Ewropea tirrikonoxxi li d-dritt tal-Unjoni ma jippregudikax il-kompetenza tal-Istati Membri li jaddottaw mizuri jew disposizzjonijiet intizi sabiex jorganizzaw is-servizzi tas-sahha mandanakollu dan ghandu jkun in osservanza tal-liberta' ta' stabbiliment tac-cittadini tal-UE inkluz li ma jistghux jinkludu restrizzjonijiet li mhumiex gustifikati fil-qasam tal-kura tas-sahha li jilledu din il-liberta`. Il-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li r-restrizzjoni mposta mill-Istat Malti taghmilha anqas attraenti sabiex it-Tekniku Dentali Kliniku jahdem f'Malta u ghalhekk apparentement tidher li tirrestringi l-ezercizzju tal-liberta' ta' stabbiliment.

Dik il-Qorti pprosegwiet sabiex tiddikjara li izda dan id-dritt jista' jigi limitat ghal ragunijiet imperattivi ta' interess generali sakemm il-mizura tkun meqjusa adegwata sabiex jintlahaq l-ghan. Direttament dwar il-kaz odjern ddikjarat kif isegwi:

> '57 Fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-imsemmi intermedjarju obbligatorju huwa bbażat fuq il-premessa li huma biss il-persuni li jkunu segwew it-taħriġ ta' tabib dentist imsemmi fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2005/36, u li jkollhom il-prova ta' kwalifika formali bażika ta' tabib dentist, li huma suffiċjentement ikkwalifikati sabiex jeżerċitaw l-attivitajiet, elenkati fl-Artikolu 36(3) ta' din id-direttiva, ta' prevenzjoni, ta' djanjosi u ta' trattament tal-anomaliji u tal-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati.
>
> 58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-parteċipazzjoni obbligatorja ta' tabib dentist fit-trattament ta' pazjent li lilu jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' tekniku dentali hija maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li hija raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.
>
> 59 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk il-projbizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex adegwata sabiex jintlaħaq l-għan segwit u jekk tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.
>
> 60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi evalwata l-osservanza minn Stat Membru tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tas-saħħa pubblika, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost l-għanijiet u l-interessi protetti mit-Trattat FUE u li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu f'liema livell huma beħsiebhom jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-mod kif dan il-livell għandu jintlaħaq. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, għandu jiġi rrikonoxxut li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

> 61 Fl-istess ħin, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-miżuri nazzjonali intiżi li jipproteġuha, is-saħħa pubblika tirrikjedi viġilanza partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos, C-575/11, EU:C:2013:430, punt 27).
>
> 62 Fid-dawl tar-riskju għas-saħħa tal-pazjent li huwa inerenti fl-attivitajiet kollha msemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, fid-dawl tal-importanza tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni, imfakkar fil-punt 60 ta' din is-sentenza, li għandhom l-Istati Membri fl-implementazzjoni ta' dan l-għan, għandu jiġi kkonstatat li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 26 sa 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rekwiżit li tabib dentist ikun intermedjarju obbligatorju huwa adegwat sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.
>
> 63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 4(1) kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' TDK li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru.'

Illi mis-suespost jirrizulta li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea dahlet fl-ezami tal-propozjonalita' bejn ir-rekwisit impost fl-Istat Malti li Tekniku Dentali jew Tekniku Dentali Kliniku jezercita' taht is-supervizjoni ta' Tabib Dentist u mhux wahdu u ddikjarat li fil-materja ta' sahha pubblika, applikati l-principji enuncjati fil-gurisprudenza taghha li l-pazjent ghandu jiehu l-ewwel interess fil-materja ta' sahha u li dan is-settur jehtieg vigilanza partikolari fuqu stante li hija l-hajja tal-pazjent li qed tigi salvagwardjata, allura dan ir-rekwisit gie meqjus bhla adegwat minn dik il-Qorti. Dan dejjem sakemm ma ssir l-ebda distinzjoni ohra bejn it-Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku.

Illi din il-Qorti osservat mill-analizi tax-xiehda voluminuza li tressqet quddiemha li filwaqt li da parti taghha l-Assocjazzjoni rikorrenti ma ressqet l-ebda prova konklussiva, sal-grad rikjest mil-ligi, li b'xi mod huma d-dentisti f'Malta li qed iwaqqfu r-rikonoxximent tad-Tekniki Dentali Kliniki ghal xi skopijiet egoistici taghhom, min-naha l-ohra tressqu bosta xhieda professjonisti li spjegaw fid-dettall ir-ragunijiet ta' sahha pubblika wara d-decizjoni li Tekniki Dentali Kliniki ma jigux rikonoxxuti f'Malta. Il-Qorti taghmel referenza ampja ghax-xiehda b'mod partikolari tal-Professur Charmaine Gauci suesposta kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami fejn emfasizzat ghal diversi drabi li ma tqisx li huwa fl-ahjar interess tal-pazjenti li dawn ikollhom kuntatt dirett mat-Tekniki Dentali Kliniki b'eskluzjoni tad-Dentist. Spjegat li l-pajjiz ghandu numru adegwat ta' Dentisti sabiex jaqdi r-rikjesta fil-pajjiz u ghalhekk ma hemmx lok li ssir xi eccezzjoni sabiex il-pubbliku jkun

moqdi ahjar. Tispjega wkoll li l-fatt li pazjent imur ghand Dentist jista' jwassal sabiex jigu identifikati certu patologiji fil-pazjent mill-bidu filwaqt li dan ma jsehhx f'kaz li pazjent imur ghand Tekniku Dentali Kliniku ghaliex mhux mghallem jirrikonoxxi l-istess. Spjegat ukoll li r-riskji lill-pazjent f'kaz li dan imur direttament ghand Tekniku Dentali Kliniku jesorbitaw se mai il-beneficcju li wiehed jinqeda direttament u ghalhekk mhux gustifikat li jigu rikonoxxuti ghal din ir-raguni. Tispecifika li fejn ma hemmx il-htiega allura:

> 'bis-sahha tal-persuna ma tistax tiehu riskji.' (xhieda a fol. 519 et seq)

Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda tal-Professur Nicolai Attard, Dekan tal-fakulta' tad-Dentistrija li ssahhah ix-xiehda tal-istess Professur Gauci. Zied ukoll li ghalkemm f'pajjizi ohra jista' jkun li l-bzonnijiet tas-socjeta' jkunu jirrikjedu li l-professjoni ta' Teknici Dentali Klinici tigi rikonoxxuta, bhal per ezempju fil-Kanada ghar-raguni li huwa pajjiz kbir u ghalhekk mhux daqshekk facli li persuna tilhaq Dentist, din il-problema certament ma tirrizultax f'Malta u ghalhekk ma hemmx dan il-bzonn. Huwa anzi jenfasizza fuq il-fatt li l-Fakulta' tad-Dentristrija f'dawn l-ahhar snin qed tenfasizza fuq taghlim bhala Tim bejn id-Dentist u t-tekniki nkluz id-Dentist Tekniku sabiex dan tal-ahhar anki jkun jista' jara kif xoghlu finalment jispicca f'halq il-pazjent.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ampja ghax-xiehda ta' Dr Pauline Vassallo a fol. 521 et seq tal-process fejn hija tispjega r-riskji li jista' jkun hemm meta pazjent ma jkunx gie invistat minn Dentist qabel ma ssir il-procedura tad-dentatura fosthom li jkun hemm trawmi li ma jigux identifikati u temfasizza li la darba hemm l-ghazla l-pajjiz huwa 'going for the best option' cioe' li dawn il-proceduri jsiru biss fuq preskrizzjoni tad-Dentist dejjem sabiex tigi salvgwardjata s-sahha tal-pazjent.

Din il-Qorti ghalhekk in vista ta' dak suespost u in vista ta' dak dikjarat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea taqbel mal-konkluzjoni tal-istess Qorti li l-mizuri addottati fir-rigward tat-Tekniki Dentali Kliniki u cioe' li dawn huma rikjesti li jirregistraw u huma rikonoxxuti biss bhala Tekniki Dentali, bir-rizultat li f'Malta jistghu jahdmu biss b'kollaborazzjoni ma' Tabib Dentist u ma jistghux jahdmu direttament mal-pazjent, hija proporzjonata fic-cirkustanzi tal-pajjiz fl-ahjar interess tas-sahha tal-pazjent fejn ma ghandhomx jittiehdu riskji la darba ma hemmx il-bzonn, u ghalhekk mhux bi ksur tad-Dritt Ewropew. In oltre, mill-atti ma jirrizultax li l-Istat Malti jew l-intimati b'xi mod qed jiddistingwu bejn it-Tekniku Dentali jew it-Tekniku Dentali Kliniku stante li hareg ampju li t-Tekniku Dentali Kliniku meta japplika jinghata l-opportunita' li jigi rikonoxxut bhala Tekniku Dentali u la darba registrat jista' jiprattika ezattament bl-istess mod li jipprattikaw Tekniki Dentali fil-pajjiz.

It-Talbiet:

Illi l-Qorti f'dan l-istadju u in vista tas-suespost u b'osservanza ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tevalwa t-talbiet tar-rikorrenti li ghadhom mhux decizi sal-lum.

Illi fl-ewwel talba din il-Qorti hija mitluba sabiex tordna lill-intimati sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega biex 'Clinical Dental Technologists' maghrufa wkoll bhala 'Denturists' jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta. Irrizulta mis-suespost li l-intimati, kif ukoll l-Istat Malti, rnexxielhom jiggustifikaw ir-rifjut taghhom li jirrikonoxxu t-Tekniki Dentali Kliniki bhala professjoni separati minn dik ta' Teknici Dentali gia rikonoxxuti f'Malta ghar-raguni li mhux disposti li jiehdu riskji bla bzonn fuq is-sahha tal-persuna. Dan gie kkonfermat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward u tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Jirrizulta lil din il-Qorti li t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti huma konsegwenzali ghall-ewwel talba u la darba jirrizulta li l-ewwel talba mhix gustifikata l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti

Ir-raba' talba tar-rikorrenti titlob li din il-Qorti tiddikjara li Tekniki Dentali Kliniki mhumiex necessarjament obbligati li jipprovdu s-servizzi taghhom biss wara li kaz jigi riferit lilhom minn dentist. Kif suespost, irrizulta lil din il-Qorti li l-Istat Malti jimponi li Tekniki Dentali jezercitaw biss taht is-supervizjoni u b'kollaborazzjoni ma' Tabib Dentist. Din l-imposizzjoni giet rikonoxxuta bhala gustifikata kemm mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea kif ukoll minn din il-Qorti u dan fuq bazi ta' proporzjonalita' fl-interess tas-sahha pubblika. Segwa wkoll li l-Istat Malti huwa gustifikat li jirrikonoxxi lit-Tekniki Dentali Kliniki bhala Tekniki Dentali u mhux kategorija ghalihom b'dana li allura tapplika ghalihom ukoll ir-restrizzjoni li jistghu jahdmu biss b'kollaborazzjoni u taht is-supervizjoni ta' Mediku Dentist. Jirrizulta ghalhekk li din ir-raba' talba tar-rikorrenti wkoll mhix legalment u fattwalment gustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Il-hames talba tirrizulta gia' deciza f'sentenza precedenti fejn giet michuda in vista li din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat in-nuqqas ta' nteress guridiku tal-intimati f'dan ir-rigward."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

25. Wara li fliet l-atti kollha tal-kawża u rat is-sentenza appellata din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-

provi prodotti minnhom u li għalhekk waslet għall-konklużjoni żbaljata. Kif jidher mis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti eżaminat b'mod komprensiv il-provi li ġew prodotti quddiemha, u nkludiet fis-sentenza tagħha sommarju tad-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha li ġew prodotti mill-partijiet fil-kawża, u fl-istess sommarju għamlet referenza għad-dokumenti prodotti mill-partijiet u l-ispjegazzjoni dwar l-istess mix-xhieda fejn din ingħatat. Il-Qorti tinnota fil-fatt li wħud mid-dokumenti li l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti m'għamlitx referenza għalihom kienu ġew sfilzati fuq ordni tal-Ewwel Qorti diversament presjeduta, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-dritt meta skartat l-istess.

26. Dwar l-argumenti tal-appellanti li jirrigwardaw il-kors universitarju tat-teknoloġija dentali, il-Qorti taqbel mal-appellati li dawn l-argumenti huma għal kollox irrelevanti għal dan l-appell peress li b'sentenza tat-12 ta' Jannar 2016 l-Ewwel Qorti kienet laqgħet eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti li mhumiex il-leġittimi kontradittturi għall-ħames talba attriċi li tirrigwarda l-kors universitarju msemmi u għalhekk l-appellati ma jwiġbux għal kwalunkwe kwistjoni li titratta dan il-kors. Il-Qorti tirrileva fi kwalunkwe każ, li anke jekk l-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward huma intiżi sabiex juru lil din il-Qorti li d-dentisti għamlu jew qed jagħmlu "kruċjata" kontra tagħhom, dawn l-argumenti huma nfondati fil-fatt, u dan kif jirriżulta manifestament minn eżami tal-provi prodotti. L-argument tal-appellanti huwa li l-professjoni tagħhom ġiet imżebilħa u

żvalutata bit-tibdiliet li saru f'dan il-kors u dan primarjament abbażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet, u ċioè (i) li l-kors tneħħa minn taħt il-Fakultà tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina u minflok tqiegħed taħt l-awspiċi tal-Fakultà tad-Dentistrija, u (ii) il-kors tqassar minn erba' snin għal tlett snin b'mod li għalhekk iċċekken il-kors u tnaqqset il-kwalità tiegħu.

27. Dwar it-tul ta' kors, il-Qorti tinnota li għalkemm huwa minnu li *prima facie* wieħed jippreżumi li jekk it-tul ta' kors ikun tnaqqas allura jkun tnaqqas ukoll il-kontenut tiegħu, eżami tad-dokumenti preżentati fl-atti ta' din il-kawża juru li dan mhuwiex il-każ fir-rigward tal-kors ta' BSc Dental Technology (Honours). Minn Dok PNA4 a *fol.* 551 jirriżulta li meta l-kors kien ta' erba' snin l-istudenti kellhom total ta' 1170 siegħa ta' taħriġ prattiku, filwaqt li meta l-kors tqassar għal tlett snin is-sigħat ta' taħriġ prattiku żdiedu għal 1245 siegħa. Jidher illi din iż-żieda kienet dovuta għall-fatt li meta l-kors sar wieħed ta' tlett snin, żdiedu sessjonijiet prattiċi fis-sajf li kellhom isiru fl-ewwel u t-tieni sena, li f'kull waħda minn dawn is-snin kienu jinvolvu total ta' erbgħin ġurnata ta' sitt sigħat ta' taħriġ prattiku matul ix-xhur ta' Lulju u Settembru. Il-Qorti tkompli tinnota li dawn is-sigħat ta' taħriġ prattiku komplew jiżdiedu, u minn Dok PNA 6 a *fol.* 553 jirriżulta li għall-korsijiet li bdew wara l-2017 l-ammont totali ta' taħriġ prattiku tela' għal 1750 siegħa. Dan ifisser li minkejja l-fatt li l-kors qsar fit-tul, illum il-ġurnata l-istudenti f'dan il-kors jagħmlu 580 siegħa aktar ta'

taħriġ prattiku matul il-kors milli kienu jagħmlu meta l-kors kien ta' erba' snin. Il-Qorti tosserva inoltre li min jiggradwa minn dan il-kors b'minimu ta' Second Class Honours jikseb aċċess għall-kors ta' Master of Science in Dental Sciences.

28. Dwar il-kwalità ta' dan il-kors il-konvenuti ppreżentaw rapport ta' Dr. Mike Cattell, li huwa "Head NHS Dental Laboratory Sevices" u "Course Director MSc in Dental Technology" fi ħdan Bart's and the London School of Medicine and Dentistry (Dok PNA 3 a *fol.* 548 *et seq),* wara l-eżamijiet tal-2018 tal-kors imsemmi, l-awtentiċità ta' liema ma ġiet bl-ebda mod kontestata mill-appellanti, fejn l-istess Dr. Cattell kellu hekk xi jgħid dwar dan il-kors:

> "*This is a well-managed course with a good balance of academic and technical content. It has also been strengthened in many areas since I last reviewed it and that has led to an overall improvement. There are many aspects of this course that are not being delivered globally and in which Malta is leading the way and this must be commended. The students are well taught and supported by the staff."*

29. Dwar l-argument tal-appellanti li l-fatt li l-kors ġie mċaqlaq taħt l-awspiċi tal-Fakultà tad-Dentistrija huwa prova ta' malizja min-naħa tad-dentisti kontra tagħhom, il-Qorti tinnota li l-imsemmi Dr. Cattell kellu hekk xi jgħid dwar il-fatt li l-kors jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Fakultà tad-Dentistrija:

> "*The success of this course is due to the enormous supervision and support offered to the students by both the clinical and technical staff in Malta Dental School. The students have access to technical and clinical staff in all disciplines and this is very advantageous as many*

> *technical courses run in the UK do not have this kind of access and expertise. I must also commend the course director/staff/Dental Dean for producing a supportive, caring, productive and interesting learning environment for the students. Investment in the infrastructure of the facility was also noted as a new well quipped teaching/technical laboratory has been provided and new clinical areas are under construction."* (*fol.* 550).

30. Il-Qorti tosserva li l-appellanti stess jikkontradiċu lilhom infushom f'dan l-argument meta fil-paragrafu 13 tar-rikors tal-appell tagħhom jargumentaw li mhuwiex minnu li d-Denturists joħolqu riskju għas-saħħa pubblika għaliex "(1) Fejn il-professjoni ta' denturists hija regolata, denturists jikkwalifikaw minn Universitajiet jew Accredited Colleges; Denturists ikunu kwalifikati u mħarrġa mill-Fakultajiet tad-Dentistrija…" Ma jagħmel l-ebda sens li l-appellanti jużaw il-fatt li l-kors ta' teknoloġija dentali tressaq taħt l-awspiċi tal-Fakultà tad-Dentistrija bħala skonthom prova tal-malizija tad-dentisti lejhom, meta mbagħad huma stess jargumentaw li barra minn Malta d-*denturists* ikollhom taħriġ u kwalifiki tajbin għaliex jigu mħarrġa mill-fakultajiet tad-dentistrija. B'dan l-argument tal-appellanti allura, iċ-ċaqliq tal-kors imsemmi għall-Fakultà tad-Dentistrija huwa pass pożittiv u mhux negattiv.

31. Il-Qorti tkompli billi tosserva li fi kwalunkwe każ, kwalunkwe "kruċjata" li skont l-appellanti saret kontra tagħhom mid-dentisti hija kwistjoni għal kollox irrelevanti f'din il-kawża. L-appellanti bl-ebda mod ma ressqu prova li r-rifjut tal-konvenuti li jħalluhom jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'mod awtonomu minn dentist huwa bbażat fuq din

l-allegata "kruċjata." Min-naħa tagħhom imbagħad il-konvenuti wrew li dan ir-rifjut huwa bbażat fuq raġunijiet validi u oġġettivi mmirati għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika, liema raġunijiet ġew meqjusa ġustifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem. Il-Qorti rat illi l-konvenuti ressqu raġunijiet konvinċenti dwar għalfejn fiċ-ċirkostanzi tal-pajjiż mhuwiex mixtieq li pazjent ikollu aċċess dirett għall-teknoloġist dentali kliniku, partikolarment biex ma tintilifx l-opportunità li l-pazjent jiġi eżaminat biex jinqabdu possibbli patoloġiji li l-pazjent jista' jkollu mingħajr ma jkun jaf bihom, inkluż mard serju bħal kanċer orali, u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali fil-pajjiż fejn hawn biżżejjed dentisti għad-domanda u fejn is-servizzi ta' dentist huma aċċessibbli għal kulħadd peress li huma disponibbli wkoll fl-ambitu tas-servizzi ta' saħħa pubblika offruti mill-Istat. Għalhekk kwistjonijiet dwar stennija żejda biex wieħed jara dentist jew dwar aċċessibilità għas-servizz minn persuni ta' mezzi finanzjarji baxxi mhumiex applikabbli għal dan il-pajjiż. Min-naħa tagħhom l-atturi ma ressqu l-ebda prova li tikkontradiċi din it-teżi tal-konvenuti u komplew jibbażaw it-teżi tagħhom fuq l-allegat aġir tad-dentisti u donnhom jinsew li din il-kawża mhijiex kontra d-dentisti iżda kontra awtoritajiet statali li ma jirrispondux għal kwalunkwe diżgwid li jista' hemm bejn l-atturi u d-dentisti ladarba ma tressqet l-ebda prova li d-deċiżjoni tal-istat hija bbażata fuq ix-xewqat suġġettivi tad-dentisti u mhux fuq raġunijiet validi u oġġettivi.

32. Dwar l-argument tal-appellanti li hemm kawżi kontra dentisti talli għamlu xogħol ħażin u kkawżaw dannu lill-pazjenti tagħhom u li għalhekk huma d-dentisti li joħolqu riskju għas-saħħa pubbliku, il-Qorti tibda billi tirrileva li f'din il-kawża mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tikkummenta fuq il-fatti ta' kawżi oħra, partikolarment meta dawn ikunu għadhom *sub-judice.* Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tosserva li l-argument tal-konvenuti mhuwiex biss li hemm riskju għas-saħħa pubblika, iżda li mhuwiex meħtieġ li jiġi inkors dan ir-riskju għar-raġunijiet spjegati fil-paragrafu preċedenti, argument li l-Qorti tifhem li huwa marbut mal-fatt li bla dubju kull deċiżjoni li tittieħed fil-kamp mediku u tas-saħħa tinvolvi l-immaniġġjar ta' riskji u għażla dwar jekk huwiex ġustifikat li jittieħed riskju partikolari skont l-aħjar interess tal-pazjent. Għalhekk dan l-argument tal-appellanti bl-ebda mod ma jxejjen l-argument imressaq mill-konvenuti appellati ladarba bl-ebda mod ma ntwera li fiċ-ċirkostanzi tal-pajjiż jew kwalunkwe ċirkostanzi oħra relevanti mhuwiex meħtieġ li jittieħed ir-riskju li pazjenti jaraw dentist għaliex hemm alternattivi aħjar.

33. Dwar l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti tat konsiderazzjoni żejda lid-deċiżjoni tar-referenza preliminari u njorat pronunzjamenti oħrajn tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, il-Qorti tirrileva li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea t-tweġibiet mogħtija minnha fi proċedura ta' referenza preliminari jorbtu lill-Qorti li tkun

issottomettiet ir-referenza. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' **Wünsche Handelsgesellschaft** (CJEU, C-69/85, 05/03/1986):

> *"13. It follows that a judgment in which the Court gives a preliminary ruling on the interpretation or validity of an act of a Community institution conclusively determines a question or questions of Community law and is binding on the national court for the purposes of the decision to be given by it in the main proceedings.*
>
> […]
>
> *15 None the less, the authority of a preliminary ruling does not preclude the national court to which it is addressed from properly taking the view that it is necessary to make a further reference to the Court of Justice before giving judgment in the main proceedings. According to well-established case-law, such a procedure may be justified when the national court encounters difficulties in understanding or applying the judgment, when it refers a fresh question of law to the Court, or again when it submits new considerations which might lead the Court to give a different answer to a question submitted earlier. However, it is not permissible to use the right to refer further questions to the Court as a means of contesting the validity of the judgment delivered previously, as this would call in question the allocation of jurisdiction as between national courts and the Court of Justice under Article 177 of the Treaty."*

34. Għalhekk l-appellanti huma kompletament żbaljati f'dan l-ilment tagħhom għaliex l-Ewwel Qorti, u issa din il-Qorti, huma marbuta bit-tweġiba li ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għar-referenza preliminari li ġiet sottomessa mill-Ewwel Qorti fuq talba tal-appellanti stess. L-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċċitat estensivament minn din it-tweġiba u straħet fuqha ladarba skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea l-Qorti hija issa marbuta b'din it-tweġiba. Il-Qorti tkompli billi tosserva li s-sentenza ċitata mill-appellanti fl-appell tagħhom bin-numru C-125/16 kienet tirrigwarda primarjament kwistjoni rigwardanti l-aċċess parzjali għall-attività professjonali kif regolat mill-Artikolu 4f tad-

Direttiva 2005/36, filwaqt li fir-rigward ta' din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għamlitha ċara li l-Artikolu 4f mhuwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża peress li l-appellanti qatt ma talbu aċċess parzjali għall-professjoni ta' tabib dentist (ara par. 50 u 51 tat-tweġiba).

35. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm l-appellanti jargumentaw li r-raġuni mogħtija mill-konvenuti biex it-Teknoloġisti Dentali Kliniċi jiġu preklużi milli jitrattaw pazjent direttament u b'mod awtonomu minn dentist mhijiex valida biex tnaqqas il-libertà ta' stabbiliment u moviment ta' servizzi skont il-liġi komunitarja u li mhijiex miżura proporzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet proprju bil-kontra ta' dan fit-tweġibiet mogħtija minnha għar-referenza preliminari magħmula lilha f'din il-kawża. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet illi

(i) "…il-parteċipazzjoni obbligatorja ta' tabib dentist fit-trattament ta' pazjent li lilu jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' tekniku dentali hija maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li hija raġuni mperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment" (par. 58); u

(ii) "…ir-rekwiżit li tabib dentist ikun intermedjarju obbligatorju huwa adegwat sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop." (par. 62).

36. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak ilmentat mill-appellanti, m'hemm xejn żbaljat fil-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu l-Ewwel Qorti ddeċidiet b'mod konsonanti mat-tweġibiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fir-referenza preliminari magħmula lilha, li kif diġà ngħad jorbtu lil dawn il-Qrati li għandhom tabilfors jiddeċiedu l-kawża b'mod konformi mal-istess tweġibiet. Għall-kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti fl-appell tagħhom ir-restrizzjoni imposta fuqhom mill-konvenuti għandha għan leġittimu fl-interess ġenerali u hija proporzjonali għall-imsemmi għan u għalhekk hija konformi mad-dritt komunitarju, kif deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea stess.

37. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-atturi huwa nfondat u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi mid-digriet tal-1 ta' April 2019 u tiċħad ukoll l-appell tagħhom mis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2022 fil-kawża fl-ismijiet premessi, liema sentenza qiegħda tkun konfermata għal kollox.

L-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kollha mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr